Ġabra tal-ġurisprudenza

SENTENZA TAL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (It-Tieni Awla)

19 ta’ Diċembru 2013*

“Rinviju għal deċiżjoni preliminari — Għajnuna mill-Istat — Kunċett ta’ ’intervent tal-Istat jew permezz ta’ riżorsi tal-Istat’ — Elettriku li ġej mir-riħ — Obbligu ta’ xiri bi prezz ogħla għall-prezz tas-suq — Kumpens integrali — Kontribuzzjonijiet dovuti mill-konsumaturi finali tal-elettriku”

Fil-Kawża C-262/12,

li għandha bħal suġġett talba għal deċiżjoni preliminari skont l-Artikolu 267 TFUE, imressqa mill-Conseil d’État (Franza), permezz ta’ deċiżjoni tal-15 ta’ Mejju 2012, li waslet fil-Qorti tal-Ġustizzja fid-29 ta’ Mejju 2012, fil-proċedura

**Association Vent De Colère! Fédération nationale,**

**Alain Bruguier,**

**Jean-Pierre Le Gorgeu,**

**Marie-Christine Piot,**

**Eric Errec,**

**Didier Wirth,**

**Daniel Steinbach,**

**Sabine Servan-Schreiber,**

**Philippe Rusch,**

**Pierre Recher,**

**Jean-Louis Moret,**

**Didier Jocteur Monrozier**

vs

**Ministre de l’Écologie, du Développement durable, des Transports et du Logement,**

**Ministre de l’Économie, des Finances et de l’Industrie,**

fil-preżenza ta’:

* Lingwa tal-kawża: il-Franċiż.

**Syndicat des énergies renouvelables,**

IL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (It-Tieni Awla),

komposta minn R. Silva de Lapuerta, President tal-Awla, J. L. da Cruz Vilaça (Relatur), G. Arestis, J.-C. Bonichot u A. Arabadjiev, Imħallfin,

Avukat Ġenerali: N. Jääskinen,

Reġistratur: V. Tourrès, Amministratur,

wara li rat il-proċedura bil-miktub u wara s-seduta tal-24 ta' April 2013,

wara li kkunsidrat l-osservazzjonijiet ippreżentati:

— għall-Association Vent De Colère! Fédération nationale, minn A. Marlange u M. Le Berre, avukati,

— għas-Syndicat des énergies renouvelables, minn F. Thiriez u T. Lyon-Caen, avukati,

— għall-Gvern Franċiż, minn G. de Bergues, J. Gstalter u J. Rossi, bħala aġenti,

— għall-Gvern Elleniku, minn I. Pouli u K. Boskovits, bħala aġenti,

— għall-Kummissjoni Ewropea, minn T. Maxian Rusche u É. Gippini Fournier kif ukoll minn K. Herrmann u P. Němečková, bħala aġenti,

wara li semgħet il-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali, ippreżentati fis-seduta tal-11 ta' Lulju 2013,

tagħti l-preżenti

## Sentenza

1 It-talba għal deċiżjoni preliminari tirrigwarda l-interpretazzjoni tal-Artikolu 87(1)KE, li sar l-Artikolu 107(1) TFUE.

2 Din it-talba ġiet imressqa fil-kuntest ta' rikors ippreżentat mill-Association Vent De Colère! Fédération nationale kif ukoll minn ħdax-il persuna fiżika kontra żewġ deċiżjonijiet tal-Ministru tal-Ekoloġija, tal-Enerġija, tal-Iżvilupp Sostenibbli u tal-Ippjanar tat-Territorju, tas-17 ta' Novembru 2008, li jistabbilixxu r-rekwiżiti għax-xiri tal-elettriku ġġenerat mill-installazzjonijiet li jużaw enerġija mekkanika tar-riħ (JORF tat-13 ta' Diċembru 2008, p. 19032), u tat-23 ta' Diċembru 2008, li jikkompletaw id-deċiżjoni tas-17 ta' Novembru 2008 (JORF tat-28 ta' Diċembru 2008, p. 20310, iktar 'il fuq id-"deċiżjonijiet kontenzjużi").

## Il-kuntest ġuridiku

*Id-dritt Franċiż*

3 L-Artikolu 5 tal-Liġi Nru 2000-108, tal-10 ta' Frar 2000, dwar il-modernizzazzjoni u l-iżvilupp tas-servizz pubbliku tal-elettriku (JORF tal-11 ta' Frar 2000, p. 2143), kif emendat bil-Liġi Nru 2006-1537, tas-7 ta' Diċembru 2006 dwar il-qasam tal-enerġija (JORF tat-8 ta' Diċembru 2006, p. 18531, iktar 'il quddiem il-"Liġi Nru 2000-108") jipprevedi li:

"I.- L-ispejjeż imputabbli lill-funzjonijiet ta' servizz pubbliku assenjati lill-operaturi tal-elettriku huma integralment ikkumpensati. Dawn jinkludu:

a) Fil-qasam tal-produzzjoni tal-elettriku:

1° L-ispejjeż addizzjonali li jirriżultaw, jekk ikun il-każ, mill-implementazzjoni tad-dispożizzjonijiet tal-Artikoli 8 u 10 mqabbla mal-ispejjeż evitati lil Électricité de France [SA (EDF) (iktar 'il quddiem 'Électricité de France'] jew, ikun il-każ, [ta'] dawk evitati lid-distributuri mhux nazzjonalizzati msemmija fl-Artikolu 23 tal-Liġi Nru 46-628 tat-8 ta' April 1946 [fuq in-nazzjonalizzazzjoni tal-elettriku u l-gass (JORF tad-9 ta' April 1946, p. 2651)] li jkunu kkonċernati. L-ispejjeż evitati huma kkalkulati b'riferiment għall-prezz tas-suq tal-elettriku jew, għad-distributuri mhux nazzjonalizzati, b'riferiment għat-tariffi ta' ċessjoni msemmija fl-Artikolu 4 proporzjonalment għal parti mill-elettriku mixtri b'dawn it-tariffi fil-provvista totali tagħhom, bi tnaqqis tal-kwantitajiet mixtrija skont l-Artikoli 8 u 10 ċċitati iktar 'il fuq. L-istess valuri tal-ispejjeż evitati huma użati bħala riferiment sabiex jiġu ddeterminati l-ispejjeż ikkumpensati meta l-installazzjonijiet ikkonċernati huma operati minn Electricité de France jew minn distributur mhux nazzjonalizzat. Meta l-oġġett tal-kuntratti huwa x-xiri tal-elettriku prodott minn installazzjoni ta' produzzjoni li tinsab f'żona mhux interkonnessa għan-netwerk metropolitana kontinentali, l-ispejjeż addizzjonali huma kkalkulati mqabbla mal-parti relatata mal-produzzjoni fit-tariffi rregolati tal-bejgħ tal-elettriku;

[...]

Dawn l-ispejjeż huma kkalkulati abbażi ta' kontabbiltà xierqa miżmuma mill-operaturi li jsostnuhom. Din il-kontabbiltà, stabbilita skont ir-regoli definiti mill-Kummissjoni li tirregola l-enerġija, li hija kkontrollata a spejjeż tal-operaturi li jbatu dawn l-ispejjeż permezz tal-awditur tagħhom jew, għal dawk tal-Istat, mill-awditur pubbliku tagħhom. [...]. Il-Ministru tal-Enerġija għandu jiddetermina l-ammont tal-ispejjeż fuq proposta mill-Kummissjoni li tirregola l-enerġija fis-sena.

Il-kumpens għal dawn l-ispejjeż, favur l-operaturi li jbatuhom, huwa żgurat mill-kontribuzzjonijiet dovuti mill-konsumaturi finali tal-elettriku installati fit-territorju nazzjonali.

L-ammont tal-kontribuzzjonijiet imsemmija hawn fuq huwa kkalkulat proporzjonatament għall-ammont tal-elettriku kkunsmat. [...].

L-ammont tal-kontribuzzjoni dovut skont is-sit ta' konsum, mill-konsumaturi finali msemmija fl-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 22(I) ma jistax jaqbeż EUR 500 000. L-istess limitu japplika għall-kontribuzzjoni dovuta mill-impriżi msemmija fit-tieni subparagrafu tal-Artikolu 22(I) għall-elettriku tal-ġbid kkunsmat fit-territorju nazzjonali u l-kontribuzzjoni dovuta mill-impriżi msemmija fir-raba' subparagrafu tal-Artikolu 22(II) għall-elettriku kkunsmat downstream tal-punti ta' għoti li jirċievu l-elettriku fuq netwerk interkonness elettrikament.

L-ammont tal-kontribuzzjoni applikabbli għal kull siegħa kilowatt huwa kkalkulat sabiex il-kontribuzzjonijiet ikopru l-ispejjeż kollha msemmija f'(a) u (b), kif ukoll l-ispejjeż ta' amministrazzjoni inkorsi mill-Caisse des Dépôts et Consignations, elenkati hawn taħt, u l-baġit tal-ombudsman nazzjonali tal-enerġija. Il-Ministru għall-Enerġija stabbilixxa dan l-ammont fuq proposta mill-Kummissjoni li tirregola l-enerġija, magħmula kull sena. L-ammont tal-kontribuzzjoni annwali, stabbilita għal kull sena speċifika, huwa applikabbli għas-snin segwenti fin-nuqqas ta' dħul fis-seħħ ta' deċiżjoni ġdida għas-sena kkunsidrata.

[...]

Il-kontribuzzjonijiet tal-konsumaturi finali eliġibbli li jeżerċitaw id-drittijiet mogħtija fl-Artikolu 22(III) pprovduti permezz tan-netwerk pubbliku tat-trasport jew permezz ta' netwerk pubbliku ta' distribuzzjoni huma rkuprati mill-operatur inkarigat mill-ġestjoni tan-netwerk li dawn il-konsumaturi huma mqabbda miegħu fil-forma ta' ħlas addizzjonali fuq it-tariffi ta' użu tan-netwerks. [...] Il-kontribuzzjonijiet effettivament irkuprati jitħallsu lill-operaturi li jbatu l-ispejjeż ta' servizz pubbliku permezz tal-Caisse des Dépôts et Consignations.

[...] Il-Caisse des dépôts et consignations tħallas erba' darbiet fis-sena lill-operaturi li jsostnu l-ispejjeż imsemmija f'(1) u (2) u f'(a) u (b) is-somom miġbura. Hija tħallas lill-ombudsman nazzjonali tal-enerġija somma daqs l-ammont tal-baġit tiegħu fl-1 ta' Jannar ta' kull sena.

Il-Caisse des dépôts et consignations tirreġistra dawn it-tranżazzjonijiet differenti f'kont speċifiku. L-ispejjeż tal-ġestjoni sostnuti mill-Caisse huma deċiżi kull sena mill-Ministri responsabbli mill-ekonomija u mill-enerġija.

Mingħajr preġudizzju għall-applikazzjoni tas-sanzjonijiet previsti fl-Artikolu 41, fil-każ ta' nuqqas jew ta' insuffiċjenza ta' ħlas tal-kontribuzzjoni fi żmien xahrejn mid-data li hija dovuta, il-Kummissjoni li tirregola l-enerġija tibgħat ittra ta' tfakkira akkumpanjata minn penalità ta' dewmien li r-rata tagħha hija stabbilita għal 10 % tal-ammont tal-kontribuzzjoni dovuta.

[...]

Meta l-ammont tal-kontribuzzjonijiet miġbura ma jaqbilx mal-ammont ikkonstatat tal-ispejjeż tas-sena, l-aġġustament għandu jsir fis-sena ta' wara bl-ispejjeż dovuti għal din is-sena. Jekk is-somom dovuti ma jiġux irkuprati matul is-sena, huma jiżdiedu mal-ammont tal-ispejjeż tas-sena segwenti.

Il-Kummissjoni li tirregola l-enerġija tevalwa kull sena fir-rapport annwali tagħha l-operat tal-arranġamenti dwar l-ispejjeż tas-servizz tal-pubbliku tal-elettriku intiżi minn dan il-paragrafu I.

[...]

III. –
Fil-każ ta' nuqqas ta' ħlas minn persuna li għandha tħallas tal-kontribuzzjonijiet previsti fil-paragrafu I [...] iktar ' il fuq, il-Ministru responsabbli mill-enerġija jiddikjara sanzjoni amministrattiva fil-kundizzjonijiet previsti fl-Artikolu 41 tal-imsemmija liġi.

IV- Digrieti tal-Conseil d'État li jippreċiżaw il-modi ta' applikazzjoni ta' dan l-artikolu."

4 L-Artikolu 10 tal-Liġi 2000-108 jistabbilixxi:

"Bla ħsara għall-ħtieġa li jinżamm it-tħaddim tajjeb tan-netwerks, Electricité de France u, fil-kuntest tal-għan legali tagħhom u meta l-installazzjonijiet ta' produzzjoni huma konnessi man-netwerks pubbliċi ta' distribuzzjoni li joperaw, id-distributuri mhux nazzjonalizzati msemmija fl-Artikolu 23

tal-Liġi Nru 46-628 tat-8 ta' April 1946 iċċitata iktar 'il fuq huma marbuta li jikkonkludu, jekk il-produtturi kkonċernati jagħmlu din it-talba, kuntratt għax-xiri tal-elettriku prodott fit-territorju nazzjonali minn:

[...]

2° L-installazzjonijiet li jużaw l-enerġija rinnovabbli, bl-eċċezzjoni ta' dawk li jużaw l-enerġija mekkanika tar-riħ li jinsabu fiż-żoni interkonnessi man-netwerk metropolitan kontinentali, jew li jimplementaw tekniki effettivi f'termini ta' effiċjenza fl-enerġija, bħal ma hija l-koġenerazzjoni. Digriet tal-Conseil d'État jiffissa l-limiti ta' kapaċità installati fl-installazzjonijiet ta' produzzjoni li jistgħu jibbenefikaw mill-obbligu ta' xiri. Dawn il-limiti, li ma jistgħux jaqbżu 12 il-megawatt, huma stabbiliti għal kull kategorija ta' installazzjoni li tista' tibbenefika mill-obbligu ta' xiri fuq sit ta' produzzjoni. [...]

[...]

3° L-installazzjonijiet ta' produzzjoni tal-elettriku li jużaw l-enerġija mekkanika tar-riħ li jinsabu fil-perimetru ta' żona ta' żvilupp tal-enerġija tar-riħ, iddefinita skont il-modalitajiet stipulati fl-Artikolu 10-1;

[...] Digriet jippreċiża l-obbligi li għandhom il-produtturi li jibbenefikaw mill-obbligu ta' xiri, kif ukoll il-kundizzjonijiet li taħthom il-Ministri responsabbli mill-ekonomija u mill-enerġija jiddeċiedu, wara opinjoni notifika mill-Kummissjoni li tirregola l-enerġija, il-kundizzjonijiet tax-xiri tal-elettriku hekk prodott. Bla ħsara għaż-żamma tal-kuntratti ta' obbligu ta' xiri fis-seħħ fid-data tal-pubblikazzjoni tal-Liġi Nru 2004-803 tad-9 ta' Awwissu 2004 relatata mas-servizz pubbliku tal-elettriku u tal-gass u mal-impriżi elettriċi u tal-gass, l-installazzjonijiet jibbenefikaw mill-obbligu ta' xiri taħt dan l-artikolu jew skont l-Artikolu 50 ta' din il-liġi jistgħu jibbenefikaw darba biss minn kuntratt ta' xiri.

L-ispejjeż eventwali tal-installazzjonijiet tal-produzzjoni tal-elettriku operati minn Electricité de France jew mid-distributuri mhux nazzjonalizzati imsemmija iktar 'il fuq li jaqgħu taħt il-kamp ta' applikazzjoni ta' dan l-artikolu għandhom ikunu kkumpensati fil-kundizzjonijiet previsti fl-Artikolu 5(I).

[...]

L-ispejjeż addizzjonali li jirriżultaw huma kkumpensati skont il-kundizzjonijiet previsti fl-Artikolu 5(I).

[...]".

5 L-Artikolu 8(2) tad-Digriet Nru 2001-410, tal-10 ta' Mejju 2001, dwar il-kundizzjonijiet ta' xiri tal-elettriku prodott minn produtturi li jibbenefikaw mill-obbligu ta' xiri emendat (JORF Nru 110, tat-12 ta' Mejju 2001, p. 7543), huwa hekk redatt:

"Deċiżjonijiet tal-Ministri responsabbli mill-ekonomija u mill-enerġija, meħuda wara opinjoni tal-Kunsill superjuri tal-enerġija u tal-gass u wara l-opinjoni tal-Kummissjoni li tirregola l-elettriku, jistabbilixxu l-kundizzjonijiet ta' xiri tal-elettriku prodott mill-installazzjonijiet li jibbenefikaw mill-obbligu ta' xiri previst mill-Artikolu 10 tal-Liġi tal-10 ta' Frar 2000 [...]. Dawn il-kundizzjonijiet ta' xiri jippreċiżaw li b'mod partikolari:

[...]

2° it-tariffi ta' xiri tal-elettriku".

**Il-kawża prinċipali u d-domanda preliminari**

6 Permezz tad-deċiżjonijiet kontenzjużi, il-Ministru tal-Ekoloġija, tal-Enerġija, tal-Iżvilupp Sostenibbli u tal-Ippjanar tat-Territorju stabbilixxa r-rekwiżiti għax-xiri tal-elettriku prodott mill-installazzjonijiet li jużaw l-enerġija mekkanika tar-riħ.

7 Dawn id-deċiżjonijiet kienu, sussegwentement, suġġetti għal rikors għal annullament quddiem il-Conseil d'État ippreżentat mill-Association Vent de colère! Fédération nationale u ħdax-il rikorrent ieħor.

8 Dawn ir-rikorrenti, b'mod partikolari, sostnew li l-imsemmija deċiżjonijiet jikkostitwixxu għajnuna mill-Istat fis-sens tal-Artikolu 107(1) TFUE.

9 Skont il-qorti tar-rinviju, ix-xiri tal-elettriku prodott mill-installazzjonijiet li jużaw l-enerġija mekkanika tar-riħ bi prezz ogħla mill-valur tas-suq tiegħu jikkostitwixxi vantaġġ li jista' jaffettwa l-kummerċ bejn l-Istati Membri u jkollu effett fuq il-kompetizzjoni.

10 Fir-rigward tal-kriterju bbażat fuq l-intervent tal-Istat jew permezz ta' riżorsi tal-Istat, il-Conseil d'État fakkar li, f'deċiżjoni datata 21 ta' Mejju 2013, huwa applika s-sentenza tat-13 ta' Marzu 2001, PreussenElektra (C-379/98, Ġabra p. I-2099), fejn ġie deċiż li l-piż finanzjarju tal-obbligu ta' xiri li minnu jibbenefikaw l-installazzjonijiet li jużaw l-enerġija mekkanika tar-riħ kien maqsum bejn ċertu numru ta' impriżi, mingħajr ma jkun hemm kontribuzzjoni ta' riżorsi pubbliċi, b'mod dirett jew indirett, għall-finanzjament tal-għajnuna u b'hekk ikkunsidra li l-mekkaniżmu li kien fis-seħħ dak iż-żmien ta' xiri tal-elettriku prodott mill-installazzjonijiet li jużaw l-enerġija mekkanika tar-riħ ma jikkostitwixxix għajnuna mill-Istat fis-sens tal-Artikolu 87(1) KE.

11 Dan il-mekkaniżmu madankollu ġie mmodifikat bil-Liġi Nru 2003-8 tat-3 ta' Jannar 2003, dwar is-swieq tal-gass u tal-elettriku u tas-servizz pubbliku tal-enerġija (JORF tal-4 ta' Jannar 2003, p. 265). Fil-fatt, preċedentement, l-ispejjeż addizzjonali li jirriżultaw mill-obbligu ta' xiri impost fuq l-Électricité de France Elettriku u fuq id-distributuri mhux nazzjonalizzati kienu kkumpensati bis-sħiħ minn fond tas-servizz pubbliku tal-produzzjoni tal-elettriku ffinanzjata permezz ta' kontribuzzjonijiet dovuti mill-produtturi, mill-fornituri u mid-distributuri msemmija fil-liġi. Issa, dawn l-ispejjeż addizzjonali huma kkumpensati mill-kontribuzzjonijiet dovuti mill-konsumaturi finali tal-elettriku installati fit-territorju nazzjonali, li l-ammont tagħhom huwa kkalkulat *prorata* għall-ammont ta' elettriku kkunsmat u approvat mill-Ministru għall-Enerġija fuq proposta mill-Kummissjoni ta' regolament tal-enerġija fuq proposta tal-Kummissjoni li tirregola l-enerġija.

12 Il-Conseil d'État jirrileva wkoll li, fis-sentenza tas-17 ta' Lulju 2008, Essent Netwerk Noord *et* (C-206/06, Ġabra p. I-5497), il-Qorti tal-Ġustizzja, wara li osservat li fil-kawża li tat lok għas-sentenza PreussenElektra, iċċitata iktar 'il fuq, l-impriżi kkonċernati ma kinux awtorizzati mill-Istat Membru sabiex jiġġestixxu riżorsa tal-Istat, ikkunsidrat li finanzjament permezz ta' żieda fil-prezz imposta mill-Istati fuq ix-xerrejja tal-elettriku, li jikkostitwixxi taxxa, bil-fondi li jifdal jibqgħu taħt il-kontroll tal-Istat Membru, għandu jitqies bħala intervent tal-Istat permezz ta' riżorsi tal-Istat .

13 F'dawn iċ-ċirkustanzi, il-Conseil d'État iddeċieda li jissospendi l-proċeduri u li jagħmel lill-Qorti tal-Ġustizzja d-domanda preliminari segwenti:

"Fid-dawl tat-tibdil tal-mod ta' finanzjament tal-kumpens integrali tal-ispejjeż addizzjonali imposti fuq [Électricité de France] u fuq id-distributuri mhux nazzjonalizzati msemmija fl-Artikolu 23 tal-Liġi Nru 46-628 [...], minħabba l-obbligu li jinxtara l-elettriku ġġenerat mill-installazzjonijiet li jużaw l-enerġija mekkanika tar-riħ bi prezz ogħla mill-prezz tas-suq ta' dan l-elettriku, minħabba l-Liġi Nru 2003-8 [...], għandu dan il-mekkaniżmu issa jitqies bħala intervent mill-Istat jew permezz ta' riżorsi tal-Istat fis-sens u għall-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu [107(1) TFUE]?"

**Fuq id-domanda preliminari**

14 Permezz tad-domanda tagħha, il-qorti tar-rinviju tistaqsi, essenzjalment, jekk mekkaniżmu ta' kumpens integrali għall-ispejjeż addizzjonali imposti fuq impriżi minħabba obbligu ta' xiri tal-elettriku li ġej mir-riħ bi prezz ogħla minn dak tas-suq li l-finanzjament tiegħu huwa sostnut mill-konsumaturi finali, bħal dak li jirriżulta mil-Liġi Nru 2000-108, għandux jiġi kkunsidrat bħala intervent mill-Istat jew permezz ta' riżorsi tal-Istat fis-sens tal-Artikolu 107(1) TFUE.

15 Għandu jiġi ppreċiżat li, qabel kollox, għalkemm il-klassifikazzjoni ta' għajnuna mill-Istat fis-sens tal-Artikolu 107(1) TFUE, tippresupponi li jeżistu erba' kundizzjonijiet, jiġifieri li għandu jkun hemm intervent tal Istat jew permezz tar-riżorsi tal-Istat, li dan l-intervent għandu jkun kapaċi jaffettwa l-kummerċ bejn l-Istati Membri, li għandu jagħti vantaġġ lill-benefiċjarju tiegħu u li għandu jwassal għal distorsjoni jew theddida ta' distorsjoni tal-kompetizzjoni (ara, f'dan is-sens, is-sentenzi tas-17 ta' Marzu 1993, Sloman Neptun, C-72/91 u C-73/91, Ġabra p. I-887, punt 18, kif ukoll tat-30 ta' Mejju 2013, Doux Élevage u Coopérative agricole UKL-AREE, C-677/11, punt 25), din id-domanda tirrigwarda biss l-ewwel waħda minn il-kundizzjonijiet.

16 Sabiex vantaġġi jkunu jistgħu jiġu kkwalifikati bħala għajnuna fis-sens tal-Artikolu 107(1) TFUE, huma għandhom, minn naħa, jingħataw direttament jew indirettament, permezz ta' riżorsi tal-Istat, u, min-naħa l-oħra, ikunu attribwibbli lill-Istat (ara s-sentenzi tal-16 ta' Mejju 2002, Franza vs Il-Kummissjoni, C-482/99, Ġabra p. I-4397, punt 24, kif ukoll Doux Élevage u Coopérative agricole UKL-ARREE, iċċitata iktar 'il fuq, punt 27).

17 Fir-rigward, fl-ewwel lok, tal-kundizzjoni dwar lil min hija attribwibbli l-miżura, għandu jiġi eżaminat jekk l-awtoritajiet pubbliċi għandhomx jitqiesu bħala li kienu involuti fl-adozzjoni ta' din il-miżura (ara, f'dan is-sens, is-sentenza Franza vs Il-Kummissjoni, iċċitata iktar 'il fuq, punt 52).

18 F'dan ir-rigward, għandu jiġi kkonstatat li l-mekkaniżmu ta' kumpens inkwistjoni fil-kawża prinċipali ġiet stabbilit bil-Liġi Nru 2000-18 u għandu għaldaqstant jiġi kkunsidrat bħala attribwibbli lill-Istat.

19 Rigward, fit-tieni lok, il-kundizzjoni li l-vantaġġ jingħata direttament jew indirettament permezz ta' riżorsi tal-Istat, għandu jitfakkar li miżuri li ma jinvolvux trasferiment ta' riżorsi tal-Istat jistgħu jaqgħu taħt il-kunċett ta' għajnuna mill-Istat (ara, f'dan is-sens, is-sentenzi tal-15 ta' Marzu 1994, Banco Exterior de España, C-387/92, Ġabra p. I-877, punt 14, u tad-19 ta' Mejju 1999, L-Italja vs Il-Kummissjoni, C-6/97, Ġabra p. I-2981, punt 16).

20 Fil-fatt il-kunċett ta' intervent permezz ta' riżorsi tal-Istat hija intiża li jinkludi, barra l-vantaġġi mogħtija direttament mill-Istat, dawk mogħtija permezz ta' organu pubbliku jew privat, stabbilit jew maħtur minn dan l-Istat sabiex tiġi ġestita l-għajnuna (ara, f'dan is-sens, b'mod partikolari, is-sentenzi tat-22 ta' Marzu 1977, Steinike u Weinlig, 78/76, Ġabra p. 595, punt 21; Sloman Neptun, iċċitata iktar 'il fuq, punt 19, kif ukoll Doux Élevage u Coopérative agricole UKL-ARREE, iċċitata iktar 'il fuq, punt 26).

21 Il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet ukoll li l-Artikolu 107(1) TFUE jkopri kull mezz pekunjarju li l-awtoritajiet pubbliċi jistgħu effettivament jużaw sabiex jgħinu lil impriżi, mingħajr ma huwa rilevanti jekk dawn il-mezzi jkunux jagħmlu parti, kontinwament, mill-patrimonju tal-Istat. Konsegwentement, anki jekk is-somom li jikkorrispondu mal-miżura inkwistjoni ma humiex kontinwament fil-pussess tat-Teżor pubbliku, il-fatt li huma kontinwament taħt kontroll pubbliku, u għalhekk għad-dispożizzjoni tal-awtoritajiet nazzjonali kompetenti, huwa biżżejjed sabiex jiġu kklassifikati bħala riżorsi tal-Istat (ara s-sentenzi ċċitati iktar 'il fuq Franza vs Il-Kummissjoni, punt 37; Essent Netwerk Noord *et*, punt 70, kif ukoll Doux Élevage u Coopérative agricole UKL-AREE, punt 35).

22 Mill-proċess mibgħut lill-Qorti tal-Ġustizzja jirriżulta li, fil-kawża prinċipali inkwistjoni, is-somom intiżi li jikkumpensaw l-ispejjeż addizzjonali li jirriżultaw mill-obbligu ta' xiri impost fuq l-impriżi huma miġbura mill-konsumaturi tal-elettriku fit-territorju Franċiż u mogħtija lill-Caisse des dépôts et consignations.

23 Skont il-leġiżlazzjoni Franċiża applikabbli fil-kawża prinċipali, l-ammont tal-kontribuzzjoni li għandu jħallas kull konsumatur finali tal-elettriku huwa deċiż kull sena mill-Ministru responsabbli mill-enerġija fuq proposta tal-Kummissjoni li tirregola l-enerġija. Fin-nuqqas ta' tali deċiżjoni ministerjali, l-ammont tal-kontribuzzjoni jiżdied awtomatikament kull sena.

24 Barra minn hekk, l-Artikolu 5 tal-Liġi Nru 2000-108 jistabbilixxi sanzjoni amministrattiva fil-każ ta' nuqqas ta' ħlas tal-kontribuzzjoni mill-konsumatur.

25 Issa, diġà ġie deċiż li l-fondi pprovduti permezz ta' kontribuzzjonijiet obbligatorji imposti mil-leġiżlazzjoni tal-Istat Membru, ġestiti u mqassma skont din il-leġiżlazzjoni jistgħu jiġu kkunsidrati bħala riżorsi tal-Istat fis-sens tal-Artikolu 107(1) TFUE, anki jekk huma ġestiti minn entitajiet distinti mill-awtorità pubblika (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tat-2 ta' Lulju 1974, L-Italja vs Il-Kummissjoni, 173/73, Ġabra p. 709, punt 35).

26 Fl-aħħar nett, kien spjegat, fis-seduta, li l-Liġi Nru 2000-18 introduċiet prinċipju ta' kopertura integrali tal-obbligu ta' xiri mill-Istat Franċiż li jobbliga li dan tal-aħħar għal clearance tal-passat u għal kopertura sħiħa tal-ispejjeż addizzjonali imposti fuq l-impriżi fil-każ li l-ammont ta' kontribuzzjonijiet miġbura mingħand il-konsumaturi finali tal-elettriku ma huwiex se jkun suffiċjenti sabiex ikopru dawn l-ispejjeż addizzjonali.

27 B'hekk, mill-punti 20, 25 u 26 ta' din is-sentenza jirriżulta li l-fatt, invokat mill-Gvern Franċiż waqt is-seduta, li l-impriżi suġġetti għall-obbligu ta' xiri jżommu l-kontribuzzjonijiet miġbura mingħand il-konsumaturi finali sakemm dawn tal-aħħar ma jkoprux l-ammont tal-ispejjeż addizzjonali tagħhom stess, sabiex parti mill-flus ma jgħaddux mill-kont tal-Caisse des dépôts et consignations, ma huwiex biżżejjed sabiex tiġi eskluża l-eżistenza ta' intervent permezz ta' riżorsi tal-Istat.

28 Fi kwalunkwe każ, fir-rigward tal-fondi li jgħaddu permezz tal-Caisse des dépôts et consignations, għandu jiġi rrilevat li, skont il-Liġi Nru 2000-108, din tal-aħħar tiċċentralizza s-somom miġbura fuq kont speċifiku qabel ma tħallas lill-operaturi kkonċernati, u b'hekk tintervjeni bħala intermedjarju fil-ġestjoni ta' dawn il-fondi.

29 Il-Caisse des dépôts et consignations hija persuna ġuridika ta' dritt pubbliku, stabbilit mil-Liġi tal-Finanzi tal-1816. Id-Direttur Ġenerali tagħha, li huwa l-korp eżekuttiv, huwa maħtur fil-Kunsill tal-Ministri mill-President tar-Repubblika. Il-bord ta' superviżjoni kif ukoll il-kumitati maħluqa fi ħdan tal-aħħar huma magħmula minn persuni maħtura mill-Assemblea Nazzjonali, is-Senat u l-istituzzjonijiet pubbliċi l-oħra. Il-president tal-bord ta' sorveljanza tagħha huwa maħtur minnha fi ħdanha. Huwa, fil-prattika, membru kemm tal-Assemblea Nazzjonali, kif ukoll tas-Senat.

30 Dan l-organu pubbliku, awtorizzat mill-Istat Franċiż, jiżgura servizzi ta' ġestjoni amministrattiva, finanzjarja u ta' kontabbiltà għan-nom tal-Kummissjoni li tirregola l-enerġija, awtorità amministrattiva indipendenti responsabbli li tiżgura t-tħaddim tajjeb tas-suq tal-elettriku u tal-gass fi Franza. Il-Caisse des dépôts et consignations tikkonstata wkoll id-dewmien u n-nuqqasijiet ta' ħlas tal-konsumaturi u tindikahom lil din il-kummissjoni.

31 Barra minn hekk, din l-entità pubblika tista' tinvesti l-kontribuzzjonijiet li nġabru mill-konsumaturi finali, filwaqt li huwa ppreċiżat li r-remunerazzjoni li tirriżulta minn dawn l-investimenti titnaqqas kull sena mill-ammont ta' kontribuzzjonijiet dovuti għas-sena ta' wara.

32 Barra minn hekk, hija ma tagħmel ebda profitt minn din l-attività u l-ispejjeż ta' ġestjoni amministrattivi huma imputabbli fuq il-kontribuzzjonijiet imħallsa mill-konsumaturi finali tal-elettriku.

33 Għaldaqstant, l-imsemmija ammonti b'hekk ġestiti mill-Caisse des dépôts et consignations għandhom jiġu kkunsidrati bħala li jaqgħu taħt kontroll pubbliku.

34 Dawn l-elementi kollha jistgħu jiddistingwu l-kawża preżenti minn dik li tat lok għas-sentenza PreussenElektra, iċċitata iktar 'il fuq, li fiha ġie deċiż li ma jistax jiġi kkunsidrat bħala intervent permezz ta' riżorsi tal-Istat l-obbligu impost fuq impriżi privati tal-provvista tal-elettriku li jixtru bi prezzijiet minimi stabbiliti l-elettriku prodott minn sorsi ta' enerġija rinnovabbli sa fejn ma sar ebda trasferiment dirett jew indirett ta' riżorsi tal-Istat lill-impriżi li jipproduċu dan it-tip ta' elettriku hija indotta (ara, f'dan is-sens, is-sentenza PreussenElektra, iċċitata iktar 'il fuq, punt 59).

35 Fil-fatt, kif il-Qorti tal-Ġustizzja diġà kellha l-okkażjoni li tirrileva, fil-punt 74 tas-sentenza Essent Netwerk Noord *et*, fil-kawża li tat lok għas-sentenza PreussenElektra, iċċitata iktar 'il fuq, l-impriżi privati ma kinux awtorizzati mill-Istat Membru kkonċernat sabiex jiġġestixxu riżorsa tal-Istat, iżda kienu marbuta b'obbligu ta' xiri permezz tar-riżorsi finanzjarji tagħhom stess.

36 B'hekk, il-fondi inkwistjoni ma setgħux jiġu kkunsidrati bħala riżorsa tal-Istat peress li ma kienu fl-ebda ħin taħt kontroll pubbliku u li ma kien hemm ebda mekkaniżmu, bħal dak inkwistjoni fil-kawża prinċipali, stabbilita u rregolata mill-Istat Membru, ta' kumpens għall-ispejjeż addizzjonali li jirriżultaw minn dan l-obbligu ta' xiri u li biha l-Istat jiggarantixxi lil dawn l-operaturi privati l-kopertura integrali tal-imsemmija spejjeż addizzjonali.

37 Għaldaqstant, l-Artikolu 107(1) TFUE għandu jiġi interpretat fis-sens li mekkaniżmu ta' kumpens integrali tal-ispejjeż addizzjonali imposti fuq impriżi minħabba obbligu ta' xiri tal-elettriku li ġej mir-riħ bi prezz ogħla minn dak tas-suq li l-finanzjament tiegħu huwa sostnut mill-konsumaturi finali kollha tal-elettriku fit-territorju nazzjonali, bħal dik li jirriżulta mil-Liġi Nru 2000-108, jikkostitwixxi intervent permezz ta' riżorsi tal-Istat.

### Fuq il-limitazzjoni tal-effetti tas-sentenza *ratione temporis*

38 Sussidjarjament, jekk il-Qorti tal-Ġustizzja kellha tikkunsidra li metodu ta' finanzjament, bħal dak inkwistjoni fil-kawża prinċipali, jikkostitwixxi intervent mill-Istat jew permezz ta' riżorsi tal-Istat, il-gvern Franċiż jitlob il-limitazzjoni tal-effetti *ratione temporis* tas-sentenza li ġejja.

39 F'dan ir-rigward, għandu jiftakkar, li, skont ġurisprudenza stabbilita, l-interpretazzjoni li l-Qorti tal-Ġustizzja tagħti lil regola tad-dritt tal-Unjoni, fl-eżerċizzju tal-ġurisdizzjoni mogħtija lilha mill-Artikolu 267 TFUE, tikkjarifika u tispeċifika t-tifsira u l-portata ta' din ir-regola, kif għandha jew kellha tinftiehem u tiġi applikata mill-mument li daħlet fis-seħħ. Minn dan jirriżulta li r-regola hekk interpretata tista' u għandha tiġi applikata mill-qorti anki għal relazzjonijiet ġuridiċi li jkunu qamu u ġew ikkostitwiti qabel is-sentenza li tiddeċiedi fuq it-talba għal interpretazzjoni, jekk, barra minn hekk jiġu ssodisfatti l-kundizzjonijiet kollha li jippermettu li tiġi mressqa kwistjoni dwar l-applikazzjoni tal-imsemmija regola quddiem il-qrati kompetenti (ara, b'mod partikolari, is-sentenzi tat-2 ta' Frar 1988, Blaizot *et* , 24/86, Ġabra p. 379, punt 27; tal-10 ta' Jannar 2006, Skov u Bilka, C-402/03, Ġabra p. I-199, punt 50, kif ukoll tal-21 ta' Marzu 2013, RWE Vertrieb, C-92/11, punt 58).

40 Huwa biss f'każijiet eċċezzjonali li l-Qorti tal-Ġustizzja tista', b'applikazzjoni ta' prinċipju ġenerali ta' ċertezza legali inerenti fl-ordinament ġuridiku tal-Unjoni, tillimita l-possibbiltà għal kull persuna kkonċernata li tinvoka dispożizzjoni li hija tkun interpretat sabiex tikkontesta relazzjonijiet ġuridiċi stabbiliti in *bona fide*. Sabiex tali limitazzjoni tkun tista' tiġi deċiża, huwa neċessarju li jkunu

ssodisfatti żewġ kriterji essenzjali, jiġifieri l-*bona fide* tal-persuni kkonċernati u r-riskju ta' diffikultajiet serji (ara, b'mod partikolari, is-sentenzi ċċitati iktar 'il fuq, Skov u Bilka, punt 51, kif ukoll RWE Vertrieb, iċċitata iktar 'il fuq, punt 59).

41 Fir-rigward tal-kawża inkwistjoni, għandu jiġi osservat, fl-ewwel lok, dwar il-kundizzjoni ta' *bona fide* ta' dawk ikkonċernati, li l-gvern Franċiż ma setax jinjora l-projbizzjoni ta' implementazzjoni, prevista fl-Artikolu 108(3) TFUE, ta' miżura ta' għajnuna u l-konsegwenzi ġuridiċi li ġġib l-assenza ta' notifika tal-miżura inkwistjoni.

42 Rigward, fit-tieni lok, ir-rekwiżit ta' riskju ta' diffikultajiet serji, il-Qorti tal-Ġustizzja enfasizzat li l-konsegwenzi finanzjarji li jistgħu jirriżultaw għal Stat Membru minn sentenza mogħtija b'mod preliminari ma jistgħu qatt jiġġustifikaw, minnhom infushom, il-limitazzjoni *ratione temporis* ta' din is-sentenza (ara, f'dan is-sens, b'mod partikolari, is-sentenza tad-19 ta' Ottubru 1995, Richardson, C-137/94, Ġabra p. I-3407, punt 37 u l-ġurisprudenza ċċitata).

43 F'dawn iċ-ċirkustanzi, ma hemm f'din il-kawża l-ebda element li jista' jiġġustifika deroga mill-prinċipju li l-effett ta' sentenza ta' interpretazzjoni jmorru lura għad-data tad-dħul fis-seħħ tar-regola interpretata (ara s-sentenza tat-13 ta' Frar 1996, Bautiaa u Société française maritime, C-197/94 u C-252/94, Ġabra p. I-505, punt 49 u l-ġurisprudenza ċċitata).

44 Għaldaqstant, ma hemmx lok li l-effetti ta' din is-sentenza jiġu limitati *ratione temporis*.

**Fuq l-ispejjeż**

45 Peress li l-proċedura għandha, fir-rigward tal-partijiet fil-kawża prinċipali, in-natura ta' kwistjoni mqajma quddiem il-qorti tar-rinviju, hija din il-qorti li tiddeċiedi fuq l-ispejjeż. L-ispejjeż sostnuti għas-sottomissjoni tal-osservazzjonijiet lill-Qorti tal-Ġustizzja, barra dawk tal-imsemmija partijiet, ma jistgħux jitħallsu lura.

Għal dawn il-motivi, Il-Qorti tal-Ġustizzja (It-Tieni Awla) taqta' u tiddeċiedi:

**L-Artikolu 107(1) TFUE għandu jiġi interpretat fis-sens li mekkaniżmu ta' kumpens integrali tal-ispejjeż addizzjonali imposti fuq impriżi minħabba obbligu ta' xiri tal-elettriku li ġej mir-riħ bi prezz ogħla minn dak tas-suq li l-finanzjament tiegħu huwa sostnut mill-konsumaturi finali kollha tal-elettriku fit-territorju nazzjonali, bħal dak li jirriżulta mil-Liġi Nru 2000-108, tal-10 ta' Frar 2000, dwar il-modernizzazzjoni u l-iżvilupp tas-servizz pubbliku tal-elettriku, kif emendat bil-Liġi Nru 2006-1537, tas-7 ta' Diċembru 2006, dwar il-qasam tal-enerġija, jikkostitwixxi intervent permezz ta' riżorsi tal-Istat.**

Firem